MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 293/2010

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

***kontra***

**1. Elizabeth Dickson Bonnici (I.D. 225500L)**
**2. Johanna Brincat (I.D. 225600L)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-29 ta` Marzu 2010 li jaqra hekk –

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat fit-22 ta’ Novembru 2006 in atti Nutar Dottor Peter Fleri-Soler, (Dok. A) is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Elizabeth Dickson Bonnici u Johanna Brincat ;*

*2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Elizabeth Dickson Bonnici u Johanna Brincat fis-somma mija u tlieta u tletin elf, tliet mija u zewg Ewro u sitta u disghin centezmu (€133,302.96) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' ta' Elizabeth Dickson Bonnici u Johanna Brincat mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1" sa "B2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-3 ta' Marzu 2010 sad-data tal-effettiv pagament ;*

*3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Elizabeth Dickson Bonnici u Johanna Brincat:*

*(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Elizabeth Dickson Bonnici u Johanna Brincat li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici ;*

*4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment ;*

*5. Illi l-konvenuti Elizabeth Dickson Bonnici u Johanna Brincat gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata fl-1 ta' Lulju 2009 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "C", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex Din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Elizabeth Dickson Bonnici u Johanna Brincat (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Elizabeth Dickson Bonnici u Johanna Brincat li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.*

*2. Tikkundanna lil Elizabeth Dickson Bonnici u Johanna Brincat jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tlieta u tletin elf, tliet mija u zewg Ewro u sitta u disghin centezmu (€133,302.96) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' ta' Elizabeth Dickson Bonnici u Johanna Brincat mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1" sa "B2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-3 ta' Marzu 2010 sad-data tal-effettiv pagament ;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata fl-1 ta' Lulju 2009 u tal-Mandati ta' sekwestru kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tal-persuni li kienu ndikati bhala xhieda mill-bank attur u l-elenku tad-dokumenti esebiti mar-rikors mahluf.

Rat li l-konvenuti kienu t-tnejn debitament notifikati skond il-ligi bl-atti tar-rikors mahluf.

Rat in-nota tal-konvenuta Elizabeth Dickson Bonnici prezentata fl-udjenza tal-lum fejn ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti.

Rat li l-konvenuta l-ohra Johanna Brincat dehret personalment fl-istess udjenza tal-lum u ammettiet it-talbiet attrici.

Rat l-atti tal-kawza.

**Fuq ammissjoni tal-konvenuti, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa` t-talbiet attrici kif dedotti kontra z-zewg konvenuti, bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kif indikati fir-rikors mahluf kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------